It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-argument li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn id-dispożittiv tal-att ma huwiex ċar, b'mod partikolari fir-rigward tan-natura ta' dan l-att.

Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-argument li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sa fejn, fl-assenza ta' kummenti min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-proġetti preċedenti, kemm fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-proġetti u kemm fir-rigward tal-preżenza tad-dokumentazzjoni finanzjarja, ir-rikorrenti bniet l-aspettattiva leġittima li kienet qiegħda żżomm id-dokumentazzjoni finanzjarja tagħha kif suppost u li ma kellhiex bżonn twettaq korrezzjonijiet, la fir-rigward tal-proġetti pendenti u lanqas fir-rigward tal-proġetti futuri, u dan fid-dawl tal-fatt ukoll li din l-aspettattiva leġittima nħolqot minn sors affidabbli, jiġifieri mill-Kummissjoni Ewropea.

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2014 – August Brötje vs UASI (HydroComfort)

## (Kawża T-845/14)

(2015/C 089/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* August Brötje GmbH (Rastede, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Pietzcker u C. Spintig, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "HydroComfort" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 233 763

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 1302/2014-5

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2015 – Ball Europe vs UASI – Crown Hellas Can

## (Kawża T-9/15)

(2015/C 089/39)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ball Europe GmbH (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Renck, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)